## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Kumpilazzjoni Numru 373/2012**

**Pulizija**

**vs**

**ALEXANDER CARDONA**

**Illum, 20 ta' Lulju 2022**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Alexander Cardona, detentur tal-karta tal-identità numru 154167M, li permezz taghhom gie akkuzat talli:

> *"1) Nhar l-25 ta' Novembru 2010, ghal-habta tas-saghtejn u kwart ta' waranofsinhar (14.15hrs), minn go residenza 'La Favorita', Triq iz-Zebbuga, Iklin ikkometta serqa ta' flus kontanti u gojjelerija u xi oggetti ohra liema serq jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu ta' Joseph John Rapinett u l-familja tieghu, liema serq huwa aggravat bil-'valur', bil-'vjolenza', bil-'mezz' u bil-'lok';*

*2) U akter talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza 'La Favorita', Triq iz-Zebbuga, Iklin ghad-dannu ta' Joseph John Rapinett liema hsara ma tkunx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sitting centezmu (1,164.69), imma tkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);*

*3) U talli fil-05 t'April 2012 ghal-habta tas-saghtejn newsin kwart ta' waranofsinhar minn go residenza 11, 'Sacred Heart', Triq Karmenu Vassallo, Iklin bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq agravat bil-'valur', bil-'vjolenza' u bil-'lok', liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan ghad-dannu ta' Nadia Cilia;*

*4) U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Nadia Cilia skond kif iccertifika Dr. Vassallo mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.*

*Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli taplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat id-dokumenti pprezentati;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet trattazzjoni;

Rat l-artikoli mahruga permezz ta' nota tas-27 ta' Settembru 2013;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti fliet l-atti tal-inkjesta pprezentata f'dawn l-atti u li tirrigwarda s-serqa li sehhet fil-25 ta' Novembru 2010.

Fliet ukoll il-provi mismugha waqt is-smigh ta' din il-kawza li in succint huma s-segwenti:

**Yanika Rapinett** xehdet li fil-25 ta' Novembru, 2010, kienet rieqda d-dar u bdiet iddoqq il-qanpiena tal-*intercom* tad-dar ta' missierha. Spjegat li hija baqghet fis-sodda, izda mbaghad semghet il-bieb ta' fuq ihabbat u hija xorta wahda ma marritx tiftah. Spjegat li wara xi hin, semghet il-bieb ta' fuq jisgassa ruhu u hija telghet fuq biex tara jekk kienx hemm xi haddiem inkarigat minn missierha. Spjegat li hija gharfet lill-imputat mill-*intercom*. Spjegat li rat lill-imputat fil-kamra tas-sodda tal-genituri taghha u kien qed jisraq l-affarijiet minn gol-kxaxen. Spjegat li hija nizlet 'l isfel u harbet.

Ikkonfermat li sussegwentement, saret *Identification Parade* u hija gharfet lill-imputat bhala l-halliel. Spjegat li hija ma tafx li gie rritornat xi haga mir-rifurtiva.

In kontroezami, hija spjegat li kienet tqila dak iz-zmien u rat lill-imputat minn gol-*cameras* tal-kcina. Ikkonfermat li hija rat lill-imputat kemm barra d-dar mill-*cameras,* kif ukoll fid-dar stess.

In riezami, hija kkonfermat li rat il-bieb mifqugh u rat lill-imputat jaqla' l-affarijiet mill-kxaxen.

**Catherine Rapinett** xehdet li hija halliet it-tifla d-dar u marret sal-hanut. Spjegat li bintha cemplitilha u nfurmatha li kien dahal xi hadd id-dar. Spjegat li x'hin waslet, rat kollox maqlub u li t-tifla ma kinitx hemm. Spjegat li nsterqu diversi gojjelli li jammontaw ghal cirka €50,000 u kif ukoll mappa. Spjegat li l-bieb tal-kamra tas-sodda gabuh *total loss.* Kien hemm hsarat f'mejda, u kif ukoll fis-serraturi. Dawn issewwew. Ikkonfermat li ma' din il-villa ghandhom intercom.

Xehdet f'istanza ohra fejn qalet li kienu nsterqu xi gojjelli. Qalet li kienet bintha li rat lill-halliel. Il-gojjelli kienu fil-gradenza tal-kamra tas-sodda u kollox kien imharbat u barra mill-kxaxen.

**Joseph John Rapinett** xehed li huwa jigi missier Yanika Rapinett, li kkonferma li meta mar fid-dar tieghu, ra il-kxaxen miftuhin u l-bieb tal-kamra tas-sodda miksur.

F'seduta ohra, huwa kkonferma li kien insteraq ammont ta' gojjelli, inkluz deheb li kien wiret minghand il-genituri tieghu. Sostna li huwa ma kienx id-dar meta sehhet is-serqa.

**Nadia Cilia** xehdet li hija halliet il-bieb imbexxaq tal-garaxx, u kif kienet ser taghlaq il-garaxx, l-imputat ipprova jimbotta l-bieb. Spjegat li dan gara fil-5 ta' April 2012, gewwa 11, Sacred Heart, Triq Karmenu Vassallo, Iklin. Sostniet li dan kellu bowl f'idu. Qalet li hu qabez il-katina li kien hemm u dahal fid-*drive in*, u pprova jimbotta l-bieb. Hija nhasdet u ghalqet il-bieb tigri, u bid-daqqa li hadet wegghet idha. Ikkonfermat li hija taf min hu l-imputat u li joqghod fl-inhawi. Sostniet li x'hin harget ftit tal-hin, kien hemm mara ghand tal-haxix li qaltilha li l-imputat ried ikellimha. Spjegat li l-imputat kien hasadha u li kieku ried ikellimha, messu daqq il-qanpiena u mhux ipprova jimbotta l-bieb.

Sostniet li wara nofs siegha, l-imputat rega' mar ihabbtilha l-bieb, izda hija ma fethitx. Hija sostniet li biex imbuttat il-bieb dak il-hin minn gewwa, spiccat wegghet idha, bil-konsegwenza li sofriet griehi li gew iccertifikati mill-Health Centre tal-Mosta.

Xehdet ukoll it-tabiba li rrilaxxat ic-certifikat mediku a favur ta' Nadia Cilia.

**PS 839 Stephen Micallef** xehed li fil-5 ta' April 2012, gie nfurmat li Nadia Cilia kienet diehla d-dar b'xi *shopping* fil-1.45pm, u waqt li kienet qed iddahhal l-affarijiet gol-garaxx, l-imputat ipprova jidhol gol-garaxx. Spjega li din qaltlu li x'hin rat hekk, ghamlet sforz u ghalqet il-garaxx, izda spiccat ghamlet xi griehi f'idejha. Spjega li biex tidhol ghal dan il-garaxx, kien hemm qisha katina b'tabella tal-garaxx, li kellha tinqabez biex l-imptutat seta' jidhol. Spjega li din wegghet peress li Cilia ppruvat taghlaq il-bieb tal-garaxx u l-imputat beda jimbotta biex jipprova jiftah.

Xehdu wkoll xi esperti li gew inkarigati fl-inkjesta magisterjali li nfethet.

Xehed ukoll rapprezentant ta' Fino, li kkonferma d-dokument a fol 187 et seq. Ikkonferma li x-xoghol sar u thallas.

**L-imputat** ghazel li jixhed fejn sostna li huwa kien joqghod ghand ommu fi Triq Carmelo Vassallo, Iklin, u kellu aptit bela' te bil-lumi. Sostna li l-lumi li kellhom fuq is-sigra, kien ahdar, u ghalhekk mar qata' xi lumi minghand is-sigra tal-gara. Sostna li ommu widbitu ghax ha l-lumi, u ghalhekk huwa mar biex ikellem lill-gara, filwaqt li jaghtiha l-flus ghal dan il-lumi. Sostna li huwa habbat, izda ma fetahlu hadd. Mat-tieni darba li mar, fethet il-bieb mara, u din qabdet u sabtitlu l-bieb malli ratu.

Spjega li hu u sejjer lura d-dar, kien hemm sinjura fejn tal-haxix, u hija qaltlu li probabli kien hasadha lill-gara. Spjega li mar ghat-tielet darba, izda hadd ma fetahlu. Sostna li ftit wara, kienu baghtu ghalih l-Ghassa.

Sostna li huwa baqa' arrestat, u li mbaghad gie nfurmat li kienu ser jressquh fuq dan l-incident, kif ukoll fuq serqa ta' hamsin elf. Sostna li huwa ma jaf xejn fuq din is-serqa ta' hamsin elf.

In kontroezami, huwa cahad li saret *identification parade* mal-Magistrat, illum Imhallef Padovani Grima.

**Ikkunsidrat;**

Qabel xejn, jigi senjalat li din il-kawza bdiet tinstema' minn Qorti kif diversament ippreseduta. Nonostante dan, id-difiza qatt ma oggezzjonat ghall-fatt, li l-maggior parti tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, instemghu minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta. Id-difiza in fatti, kompliet biex ressqet il-provi taghha quddiem din il-Qorti kif ippreseduta. F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fit-12 ta' Ottubru, 2012, fl-ismijiet Il-Pulizija Spettur Anna Marie Micallef vs Alan Agius Agostino Agius, fejn intqal:

> *"Illi l-Qorti ma' taqbilx mas-sottomissjoni maghmula midDifiza rigward l-inammissibilita' tax-xhieda moghtija minn Simon Spiteri meta xehed waqt l-udjenza tat-18 t'Awwissu, 2006 fejn id-Difiza tirritjeni li stante li kien hemm bdil fil-gudikant wara li nstemghat din ix-xhieda u dDifiza m'ezentatx lil din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' x-xhieda ta' Simon Spiteri, din ix-xhieda mhux ammisibbli. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tat-30 ta' Marzu, 2012 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Emanuel Debrincat' u tirritjeni li tali ezenzjoni m'hijiex necessarja meta jkun hemm bdil fil-gudikant u ghalhekk ix-xhieda moghtija minn Simon Spiteri fit-18 t'Awwissu, 2006 qed tigi ritenuta bhala ammissibbli."*

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Sarah Kathleen Zerafa) vs. Yarik Farrugia, deciza fl-24 ta' Frar 2022, fejn intqal hekk:

> *Il-Qorti ezaminat l-atti ai fini tal-aggravju tan-nullita u dan ghaliex l-ewwel Qorti ma kienitx hi li semghet il-provi meta giet biex tiddecidi l-kawza u dan ghaliex il-Magistrat quddiem min xehdu x-xhieda gie elevat ghall-Imhallef waqt l-andament ta' dawn il-proceduri. Jirrizulta minn ezami tal-atti li l-appellant tressaq il-Qorti nhar is-17 ta' Marzu, 2019 quddiem l-allura Magistrat Dr. Aaron Bugeja. In segwitu, nhar il-11 ta' April 2019 instemghu diversi xhieda kif indikat fil-verbal quddiem l-allura Magistrat Dr. Aaron Bugeja. Kien biss nhar l-24 ta' Gunju 2019 li in effetti l-kawza bdiet tinstema quddiem l-istess Qorti diversament preseduta u cioe quddiem il-Magistrat Dr. Nadine Lia fejn bdew jinstemghu xhieda ohra kif indikat fil-verbali sussegwenti. Imkien ma hemm imnizzel li d-difiza xtaqet li l-Qorti tibda mill-gdid bis-smiegh tal-kawza u ghalhekk jirrizulta li x-xhieda li kienu iddeponew quddiem l-*

*allura Magistrat illum Imhallef Aaron Bugeja ma regghux xehdu quddiem il-Magistrat Dr. Nadine Lia.*

*Il-Qorti rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta u cioe mill-Onorevoli Prim Imhallef emeritus Dr. Vincent Degaetano moghtija fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Bartolo nhar id-9 ta' Settembru 1999 fejn stqarr li x-xhieda ghandhom fl-ewwel lok jinstemghu viva voce u dan sabiex il-gudikant ikun jista' jghamel valutazzjoni tieghu skond il-provi billi jghamel l-ezami tax-xhieda in linea mal-artikolu 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali. Izda f'dak il-kaz, il-Magistrat li ppronunzja s-sentenza ma kien sema' l-ebda provi izda l-provi kienu gew kompilati KOLLHA quddiem l-istess Qorti diversament preseduta. F'din il-kawza li kien hemm biss xhieda li lahqu xehdu u cioe l-ispettur Sarah Zerafa li ser tixhed fuq dak li irrizulta lilha mill-investigazzjoni mizmuma minnha, l-allegat vittma Nathaniel Attard, Estella Mercieca, Liam Desira u Wayne Desira. Pero fis-seduti sussegwenti nstemghu numru ta' xhieda ohra tant li l-process gie terminat fl-20 ta' Novembru 2021, sena u tmien xhur wara s-smiegh tal-ewwel seduta. Fl-ebda hin ma l-avukat difensur tul dan iz-zmien kollu ma talab li x-xhieda li nstemghu quddiem l-ewwel Qorti presjeduta mill-allura Magistrat Dr. Aaron Bugeja jergghu jixhdu. Minn ezami tal-verbali jidher illi verament l-appellant ma giex mitlub sabiex jissana l-Atti tal-kawza wara l-bidla tal-Magistrat, pero' lanqas ma oggezzjona li l-kawza titkompla quddiem il-Magistrat il-gdid u hallew kollox ghaddej biex imbaghad ghamlu l-aggravju bhal dan fl-appell. Il-Qorti ma jidhriliex illi dana ghandha tippermettih.*

*Din il-Qorti ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. Keith Arnaud) Vs Omissis Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady fejn kien hemm sitwazzjoni simili ghal din prezenti fejn dik il-Qorti kienet cahdet l-aggravju tan-nullita u stqarret li minkejja li l-imputat ma giex mitlub jissana l-Atti, huwa xorta wahda ssottometta ruhu ghall-gudizzju tal-Magistrat il-gdid minghajr reklam u dan ghalhekk fisser li kien qed jaghti l-fiducja tieghu f'dan il-Magistrat gdid li kien qieghed implicitament jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-proceduri jibqghu ghaddejjin, f'dak il-kaz hekk sar.*

*Ghal tmintax il-xahar shah minn wara l-bidla tal-Magistrat, id-difiza u l-appellant ma ghamlu xejn, izda dehru quddiem il-Qorti, ghamlu kontro ezamijiet tax-xhieda l-ohra li nstemghu minghajr reklam. Qabel ma l-kawza giet deciza, fid-differiment ta' qabel u cioe nhar is-6 ta' Lulju 2021, kien deher l-appellant u l-avukat tieghu u kienu prezenti meta l-*

*Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza u ma ghamlu xejn salv li ttrattaw il-kaz.*

*Fl-ebda hin ma talbu li l-atti kellhom jigu sanati jew li kienu qed joggezzjonaw li certu xhieda ma xehdux quddiem il-Magistrat li kienet ser taghti s-sentenza. Jekk dana kien xi nuqqas taghhom u wara kellhom xi ripensament, zgur illi m'ghandhom jikrejaw l-ebda vantagg minn dan in-nuqqas.*

*L-appellant kellu z-zmien kollu sabiex jirrikorri ghall-Qorti, jitlob illi jitlob lill-Qorti illi tisma l-provi kollha li kienu gia mismugha quddiemha, izda ma ghamel xejn minn dan u halla kollox ghaddej. Din il-Qorti jidhrilha illi ma jistax issa f'dan l-istadju thalli lill-appellant jecepixxi n-nullita tas-sentenza peress illi kien hu stess illi halla l-kawza tasal ghas-sentenza minghajr ma ghamel l-icken osservazzjoni lill-Magistrat illi kien sejjer jiddecidiha. Ma kienx hemm sorprizi bil-mod kif mexxiet it-tieni magistrat, l-appellant kellu l-opportunita illi jqajjem kull osservazzjoni li jrid u kien jaf illi l-kawza kienet ser tithalla ghas-sentenza peress illi kien prezenti meta l-Qorti ddikjarat hekk.*

*Terga u tghid, id-differiment ghas-sentenza ma kienx xi wiehed qasir izda kien hemm diversi xhur fejn anke hawn l-appellant seta' kieku ried jaghmel kull osservazzjoni sabiex jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghal dak illi deherlu illi kien xi nuqqas, izda ma ghamel xejn u halla lill-Ewwel Qorti tipprocedi bil-prolazzjoni tas-sentenza. Jigi rilevat li l-kawza giet differita ghas-sentenza nhar is-6 ta' Lulju 2021 wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u s-sentenza finali nghatat nhar it-30 ta' Novembru 2021.*

*Din il-Qorti m'ghandha l-ebda diffikulta tiddikjara illi bis-silenzju tieghu ghal xhur shah, b'diversi differimenti l-appellant implicitament ta l-kunsens tieghu li jissana l-Atti wara l-bidla tal-Magistrat u b'hekk ezenta lill-Qorti mill-bzonn illi terga tisma l-provi mill-gdid.*

*Fuq dan ix-xenarju, l-Qorti pprocediet ghas-sentenza b'mod legali u l-appellant ma jistax issa jqajjem aggravju ta' nullita.*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija nhar l-1 ta' Novmebru 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. Angelo Gafa`) Vs Ludgardo sive Richard Attard u dan stante li taqbel mar-ragunament hemm imsemmi fejn din il-Qorti diversament preseduta sahqet li hemm differenza bejn bdil fil-Maġistrat f'kawżi fejn (i) ma jkunux qed jiġu rreġistrati x-xhieda u hemm kwistjoni amministrattiva biss, (ii) bdil f'kawżi fejn ix-xhieda ma tkunx qed tiġi irreġistrata u hemm punti fattwali u (iii) kawżi fejn ix-xhieda tkun ġiet reġistrata kollha.*

*Huwa f'kawżi li jaqgħu taħt it-tieni kategorija biss li l-Qorti laqgħet talba għat-taħsir tas-sentenza minħabba li l-Qorti ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha xhieda reġistrata ta' dak li jkunu ddiponew xhieda li nstemgħu minn maġistrat ieħor. Huwa tassew li l-appellant irrefera għal ġurisprudenza dwar dan il-punt. Iżda ma jfissirx li l-ġurisprudenza tista' tibqa' ankrata fuq il-passat speċjalment meta llum hawn apparat li jista' jagħti x-xenarju ta' x'ġara waqt proċess b'mod mill-aktar ċar.*

*Ghalhekk il-Qorti qieghda tiddisponi mill-ewwel aggravju tal-appellant u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza biex jigu trattati l-aggravji l-ohra tal-appellant."*

Il-Qorti tqies ghalhekk, fid-dawl tal-principji hawn senjalati, li nonostante li din il-Qorti hekk kif ippreseduta, qatt ma talbet li tigi ezentata milli terga' tisma' l-provi li kienu nstemghu mill-istess Qorti hekk kif diversament ippreseduta, l-imputat bis-silenzju u inazzjoni tieghu, implicitament ta l-kunsens tieghu li jissana l-Atti wara l-bidla tal-Magistrat, u b'hekk ezenta lill-Qorti mill-bzonn li terga' tisma' whud mill-provi mill-gdid.

Ikkjarifikat dan il-punt, din il-Qorti sejra tghaddi biex tissenjala li dawn l-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront tal-imputat, jirrigwardaw zewg incidenti differenti.

L-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrigwardaw serqa ta' gojjellerija li saret fil-25 ta' Novembru 2010, minn gewwa residenza bl-isem, 'La Favorita', Triq iz-Zebbuga, Iklin. Il-Qorti fliet il-provi prodotti, inkluzi l-atti tal-inkjesta magisterjali li kienet infethet. Rat ukoll ix-xhieda moghtija minn Yanika Rapinett, kemm dik moghtija fl-atti tal-inkjesta, kif ukoll dik moghtija quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, u dik moghtija quddiem din il-Qorti kif ippreseduta.

Irrizulta bic-car minn tali xhieda, li l-imputat gie osservat minn din ix-xhud okulari, gewwa d-dar tal-genituri taghha waqt li kien qed iwettaq is-serqa. Ix-xhud okulari gharfet lill-imputat ghal diversi drabi waqt *Identification Parade* mizmuma fil-prezenza tal-Magistrat, illum Imhallef Padovani Grima. Anke waqt li kienet qed tixhed fiz-zewg okkazzjonijiet li dehret fil-Qrati tal-Gustizzja, ix-xhud baqghet dejjem taghraf lill-imputat. Il-verzjoni moghtija minnha waqt kull depozizzjoni taghha, kienet dejjem wahda konsistenti.

Dwar l-aggravvji tas-serq li bihom qed jigi akkuzat l-imputat, irrizulta li din is-serqa sehhet f'dar ta' residenza, u ghalhekk jirrafigura l-aggravvju tal-lok. Mill-provi prodotti, b'mod partikolari dik moghtija fl-atti tal-inkjesta, kif ukoll mix-xhieda moghtija minn Catherine Rapinett, irrizulta wkoll li l-valur tal-oggetti misruqa kienu cirka €50,000, u ghalhekk jissussisti wkoll l-aggravvju tal-valur. Irrizulta wkoll l-aggravvju tal-mezz peress li mill-provi prodotti, irrizulta li l-aggressur skala mat-terrazzin tal-kamra tas-sodda tal-konjugi Rapinett, u sgassa l-bieb tal-aluminium biex acceda ghal gewwa d-dar ta' residenza. Dwar l-aggravvju tal-vjolenza, dan ukoll jirrizulta li gie ppruvat, stante li skont ix-xhieda moghtija minn Yanika Rapinett quddiem l-Espert inkarigat fl-inkjesta, l-imputat li gharfitu bhala l-bniedem li kienet rat mill-*intercom*, kellu arma, *gun* zghir iswed f' idu.

Da parti tieghu, l-imputat ghazel li jirrilaxxja stqarrija wara li kien ikkonsulta ma' Dr Edward Gatt. Huwa izda, kien ghazel li ma jiffirmax tali stqarrija. Il-Qorti tinnota li waqt li kien qed jirrilaxxja din l-istqarrija, l-imputat ma kienx assistit minn avukat. Ghalhekk, din il-Qorti mhijiex ser taghti l-ebda piz lil din l-istqarrija. Waqt is-smigh ta' din il-kawza, l-imputat ghazel li jixhed u cahad l-involviment tieghu f' din is-serqa, u addirittura, sostna li huwa lanqas biss jiftakar li kien sar xi *Identification Parade.*

Imbaghad waqt it-trattazzjoni finali, id-difiza ssottomettiet li meta saret din l-*identification parade,* ix-xhud okulari kienet ghadha minuri, u li jista' jkun li kien taht pressjoni biex taghraf lill-persuna li rat fid-dar tal-genituri taghha. Gie allegat li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielha ssib l-ebda wiehed minn dawn il-gojjelli misruqa fil-pussess tal-imputat, u li dawn il-gojjelli, bl-ebda mod ma gew rintraccati.

Il-Qorti tqies li nonostante dawn l-argumenti mressqa mid-difiza, il-Prosekuzzjoni ressqu provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li kien proprju l-imputat li kkommetta din is-serqa aggravata. Ix-xhud okulari baqghet dejjem konsistenti u

ghal iktar minn darba, gharfet lill-imputat bhala dik il-persuna li ratu jisraq minn gol-fond tal-genituri taghha.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti hija wkoll sodisfatta li din l-imputazzjoni giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni, u dana b'mod partikolari meta tqies ix-xhieda tal-familja Rapinett, kif ukoll ix-xhieda tar-rapprezentant ta' Fino,  u d-dokument ezebit a fol 187 et seq tal-process.

Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din tirrigwarda attentat ta' serqa aggravat bil-valur, vjolenza u lok li allegatament grat fil-5 ta' April 2012, ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar, minn go residenza, 11, Sacred Heart, Triq Karmenu Vassallo, Iklin. Dan l-incident sehh fl-inhawi fejn l-imputat kien jghix dak iz-zmien, flimkien mal-genituri tieghu. Fix-xhieda moghtija minnu *viva voce*, l-imputat spjega li huwa kien ha xi lumi minn sigra tal-gara, u wara li ommu widbitu ghal dak li kien ghamel, huwa kien iddecieda li jmur jkellem lill-gara u jitlobha tghidlu kemm ghandu jhallasha. Fix-xhieda tieghu li ta quddiem din il-Qorti, huwa sostna li mar adirittura tliet darbiet. L-ewwel darba, ma fetahlu hadd. It-tieni darba, ratu l-gara, li rrizultat li kienet Nadia Cilia, li ghalqitlu l-bieb f'wiccu. Mar imbaghad ghat-tielet darba, izda ma fetahlu hadd. Irrizulta wkoll li meta fit-tieni okkazzjoni ghalqitlu l-bieb f'wiccu, huwa kien ghaddej minn fejn tal-haxix, u mara li kien hemm qaltlu li probabli kien hasadha lil Cilia, bil-konsegwenza li rreagixxiet b'dak il-mod.

Mill-banda l-ohra, Nadia Cilia sostniet li hija nhasdet meta rat lill-imputat jimbotta l-bieb imbexxaq tal-garaxx tal-proprjetà taghha, u r-reazzjoni taghha kienet li tipprova taghlaq il-bieb, kif fil-fatt irnexxielha taghmel. Ikkonfermat ukoll, li iktar tard, mara li kien hemm fejn tal-haxix, kienet qaltilha li l-imputat xtaq ikellimha, kif ukoll ikkonfermat li l-imputat kien rega' mar ihabbtilha l-bieb, izda hi ma fethitlux.

Minn evalwazzjoni ta' dawn il-provi, din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi, li l-imputat verament kien mar biex jisraq minn gewwa l-proprjetà ta' Cilia, dakinhar tal-5 ta' April 2012. Din il-Qorti tqies li li kieku verament ried imur jisraq, l-imputat ma kienx jerga' jmur ghat-tielet darba jhabbat il-bieb tal-proprjetà ta' Cilia. Dak li gara kien, li l-imputat hasad lil Cilia bil-prezenza mhux mistennija tieghu, u r-reazzjoni taghha kienet,

li taghlaq il-bieb tar-residenza taghha. Il-Qorti tinnota, li la gie skambjat xi diskors, kif ukoll lanqas saret xi manuvra ohra mill-imputat, peress li bir-reazzjoni immedjata taghha, Cilia ghalqet il-bieb tal-garaxx f'wicc l-imputat. Jista' jaghti lok li r-reputazzjoni tal-imputat f'dawk l-inhawi, ma tantx kienet wahda tajba, kif ukoll jista' jaghti lok li meta Nadia Cilia rat ragel jitfacca fejn il-bieb tal-garaxx, hija qabzet ghall-konkluzzjoni zbaljata, li l-imputat ma kellux intenzjonijiet tajba.

Madanakollu, x'hin tevalwa c-cirkostanzi kollha, din il-Qorti ma thosshiex konvinta li l-elementi rikjesti biex tissussisti din l-imputazzjoni, gew ippruvati.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din il-Qorti qieset li mix-xhieda ta' Nadia Cilia, ma jirrizultax jekk effettivament, hija wegghetx minhabba l-manuvra azzardata u immedjata li hadet hi stess meta marret biex taghlaq il-bieb, jew jekk effettivament, hija wegghetx minhabba li l-imputat kien qed jimbotta l-bieb fid-direzzjoni opposta, li kienet qed timbottah Nadia Cilia. Ghal darb' ohra, din il-Qorti tqies li fil-kamp kriminali, il-Prosekuzzjoni trid tressaq provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Ghaldaqstant, l-imputat sejjer jigi liberat ukoll mir-raba' imputazzjoni.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex hija titratta lill-imputat bhala recidiv, din il-Qorti tqies li fil-mori tal-kawza, giet ipprezentata fedina penali biss tal-imputat. Ma gew ipprezentati l-ebda vera kopji ta' sentenzi moghtija kontra l-imputat. Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci in atti, prova sufficjenti ta' dan l-addebitu. Kif gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna in materja tal-addebitu tar-recidiva, il-fedina penali wahedha mhux bizzejjed u ma tikkostitwixxix l-ahjar prova li l-Prosekuzzjoni hi, wara kollox, marbuta li tressaq in sostenn tal-akkuza tar-recidiva. In fatti, fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Jason James Agius, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati li huwa reċidiv, la taħt l-Artikolu 49, u lanqas taħt l-Artikolu 50 u l-Artikolu 289 tal-Kap. 9.

Dwar imbagħad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jiġi kkundannat iħallas l-ispejjez li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, din il-Qorti tqies li din sejra tiġi akkolta fir-rigward tal-ispejjez inkorsi fl-atti tal-inkjesta maġisterjali, mizmuma in konnessjoni mas-serqa konċernanti, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet. Dana peress li l-imputat sejjer jinstab ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet.

Dwar il-piena, din il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat, li mhijiex waħda nadifa. Qieset ukoll li dan il-kaz, ipperdura għal diversi snin. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fil-21 ta' Marzu 2019, filwaqt li l-imputat, nonostante diversi seduti li nzammu, għalaq il-provi tiegħu fis-17 ta' Frar 2022. Madanakollu, id-difiza lanqas resqet xi prova li l-imputat irriforma ruħu b'xi mod. Il-Qorti ma għandha xejn provi quddiemha f'dan ir-rigward. Il-Qorti qieset li nonostante t-trapass taz-zmien, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz u tal-gravita' tal-ewwel imputazzjoni, piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tal-imputat hija piena idonea.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(1), (b), (c) u (e), 262(1)(a) u (b), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 276, 277(b), 279(b), 280(2), 325(1)(b) u l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat, Alexander Cardona, ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, u tikkundannah għal piena ta' ħames snin priġunerija effettiva, mil-liema għandu jitnaqqas iz-zmien li huwa nzamm taħt arrest preventiv, in konnessjoni mar-reati li tagħhom qed jinstab ħati permezz ta' din is-sentenza.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati Alexander Cardona, iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, l-ispejjez inkorsi fil-kors tal-inkjesta in genere, mizmuma in konnessjoni mas-serqa rigwardanti l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, liema inkjesta tifforma parti mill-atti proċesswali, fl-ammont ta' seba' mija u seba' u għoxrin Ewro u għaxar ċentezmi (€727.10c).

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lid-Direttur tal-Habs.

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja

Deputat Registratur